

Brussell, 18 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14868/22

LIMITE

TELECOM 468
DIGIT 211
CYBER 372
COMPET 911
EDUC 389

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14774/22
Suġġett:	Ħiliet diġitali għad-Deċennju Diġitali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Illum jidher ċar li mhux l-Ewropej kollha huma kunfidenti bis-sħiħ meta jwettqu attivitajiet online u b'apparat diġitali. L-aħħar edizzjoni tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali¹ turi li **54 % biss tal-popolazzjoni adulta Ewropea għandha ħiliet diġitali bażiċi**. Hemm ukoll **diskrepanzi sinifikanti** bejn l-Istati Membri differenti kif ukoll bejn segmenti differenti tal-popolazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li s-soċjetà kollha ma titlifix l-appuntament mat-trasformazzjoni diġitali, huwa assolutament kruċjali li jiġi żgurat li **ma nħallu lil ħadd lura mingħajr il-ħiliet diġitali t-tajba**.

¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/desi>

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-ħiliet diġitali u l-edukazzjoni. Il-**Programm ta' Politika Perkors għad-Deċennju Diġitali** li ġie adottat dan l-aħħar jistabbilixxi miri ambizzjużi, inkluż l-għan li mill-inqas 80 % tal-adulti kollha jkollhom **ħiliet diġitali bażiċi sal-2030**² u li 20 miljun **espert tal-ICT** jiġu impjegati fl-UE **b'xejra lejn bilanċ bejn il-ġeneri**. Id-**Djalogu Strutturati** dwar l-Edukazzjoni u l-ħiliet Diġitali mal-Istati Membri, imniedi wkoll fl-2022, għandu l-għan li jindika l-isforzi li għaddejjin fl-Istati Membri, jidentifika l-lakuni - jekk ikun hemm - u jgħaqqad il-forzi fil-livell tal-UE. Din il-ħidma ser tikkontribwixxi għal żewġ proposti għal **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill** (waħda dwar il-fatturi abilitanti għal edukazzjoni diġitali ta' suċċess u oħra dwar il-provvista ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ) kif ukoll għall-**pjanijiet direzzjonali strateġiċi tad-Deċennju Diġitali** mħejjija mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-miri diġitali tal-2030, inkluż dawk dwar il-ħiliet diġitali. Fl-14 ta' Settembru 2022, il-President Ursula von der Leyen ipproponiet fid-**Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni** tagħha biex l-2023 issir is-**Sena Ewropea tal-ħiliet**. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll fuq Akkademja tal-ħiliet taċ-Ċibersigurtà taħt il-Programm ta' Ĥidma tagħha għall-2023 u fuq it-tiżni tal-ħiliet meħtieġa għall-ekosistema tas-semikondutturi.

Trasformazzjoni diġitali inklużiva ma tistax isseħħ mingħajr ma ż-żgħażaġh jiġu appoġġati kif xieraq u mingħajr ma tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali minn **età bikrija**. Fil-fatt, il-livell tal-ħiliet diġitali taż-żgħażaġh huwa oġhla meta mqabbel ma' dak tal-popolazzjoni ġenerali. Madankollu, meta jiġu ttestjati direttament, aktar minn 1/3 tal-istudenti ma jkollhomx l-aktar livell bażiku ta' profiċjenza fil-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, l-isfond soċjoekonomiku, l-istatus ta' migranti, u l-lingwa mitkellma d-dar għandhom impatt sinifikanti fuq il-kisba tal-ħiliet diġitali tal-istudenti³. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ stipulat **mira dwar il-livell tal-ħiliet diġitali taż-żgħażaġh** u tappella għal azzjoni biex jitnaqqas is-sehem ta' studenti tat-tmien grad b'kisbiet baxxi fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni fl-UE għal inqas minn 15 % sal-2030.

² Din il-mira hija inkluża wkoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

³ <https://www.iea.nl/news-events/news/icils-2018-results> & <https://op.europa.eu/webpub/eac/education-and-training-monitor-2021/en/chapters/leaflet.html>

Ser ikollna bżonn bidliet gradwali biex nilħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali dwar **l-esperti tal-ICT**⁴ u nissodisfaw il-ħtiġijiet fl-ekosistemi industrijali li jiddependu ħafna fuq teknoloġiji mill-aktar avvanzati bħal tal-karozzi, l-ajruspazju, l-elettronika kif ukoll fit-teknoloġiji kritiċi għas-setturi kollha bħad-data, iċ-ċibersigurtà u s-semikondutturi. Madwar 200,000 espert taċ-ċibersigurtà bħalissa huma neqsin fl-Ewropa filwaqt li l-UE teħtieġ ġabra akbar ta' speċjalisti bħal dawn biex tipproteġi n-negozji u s-servizzi pubbliċi fl-Ewropa u tfassal is-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-futur⁵. Minbarra dan in-nuqqas strutturali ta' persunal bi kwalifiki għoljin, għad hemm differenza persistenti bejn il-ġeneri: **wieħed biss minn kull ħames speċjalisti tal-ICT u gradwati fl-ICT huma nisa**, u dan jista' jaffettwa l-mod kif jitfasslu u jintużaw is-soluzzjonijiet diġitali. Għalhekk hemm **ħtieġa kruċjali li jiġu mħeġġa aktar bniet u nisa biex jibdew karrieri fit-teknoloġija**, jiġu pprovduti opportunitajiet ta' **titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid** lill-popolazzjoni attiva kif ukoll biex tinkiseb **konverġenza bejn il-ġeneri** fil-popolazzjoni tal-ICT. Speċjalment għall-**ispeċjalisti avvanzati tal-IT**, hemm differenzi fi ħdan l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kwalità u l-kontenut tat-taħriġ jew ir-**rikonoxximent** tal-ħiliet eżistenti, u b'hekk iħallu impatt fuq iċ-**ċertifikazzjoni** u r-**rikonoxximent reċiproku** ta' tali ħiliet fi ħdan u bejn l-Istati Membri.

Hemm ukoll ħtieġa kbira li l-**ispeċjalisti tas-settur** jiġu mgħammra **b'ħiliet diġitali avvanzati**, bħal pereżempju *tobba* li qed jiddependu dejjem aktar fuq teknoloġiji diġitali avvanzati (eż. IA) biex jipprovdu dijanjożi aktar preċiżi jew jipproċessaw data tal-pazjenti tagħhom f'rekords elettroniki tas-saħħa, jew *bdiewa* li qed jużaw analiżi tad-data avvanzata biex jottimizzaw il-proċessi ta' produzzjoni tagħhom. Fil-fatt, riċerka reċenti wriet domanda dejjem tikber għall-**ħiliet diġitali f'industriji mhux teknoloġiċi**⁶ kif ukoll il-fatt li d-domanda ta' speċjalisti tas-settur b'ħiliet diġitali avvanzati (jiġifieri l-hekk imsejġha integraturi diġitali) fil-fatt taqbeż id-domanda tal-ispeċjalisti diġitali fejn il-qasam diġitali huwa fil-qalba tal-impjieg⁷.

⁴ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=ICT_specialists_-_statistics_on_hard-to-fill_vacancies_in_enterprises

⁵ A Resilient Cybersecurity Profession Charts the Path Forward: (ISC)2 CYBERSECURITY WORKFORCE STUDY, 2021 (<https://www.isc2.org/-/media/ISC2/Research/2021/ISC2-Cybersecurity-Workforce-Study-2021.ashx>), paġna 25.

⁶ https://www.burning-glass.com/wp-content/uploads/2021/02/after_the_storm_recovery_jobs_executive_summary.pdf; https://www.bertelsmann-stiftung.de/fileadmin/files/user_upload/STUDIE_Burning_Glass_EN_FINAL.pdf;

⁷ <https://download.digitaldogme.dk/hubfs/Det%20digitale%20Kompetencebarometer%202020.pdf>

Barra minn hekk, it-**teknoloġġi diġitali emerġenti** ġodda (eż. ir-realtà virtwali/awmentata/estiża jew l-intelliġenza artifiċjali u d-data) għandhom rwol ewlieni biex jippermettu l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ tal-professjonisti. F'dan ir-rigward, il-livell tal-ħiliet diġitali tal-għalliema u l-ħarrieġa biex japplikaw kif xieraq daww it-**teknoloġġi** f'kuntasti ta' apprendiment u taħriġ huwa wieħed mill-fatturi ewlenin ta' suċċess sabiex l-eżiti tat-tagħlim u t-taħriġ jiġu affettwati b'mod pożittiv.

Ħafna strumenti jistgħu jinġabru flimkien biex isir progress lejn il-miri tad-Deċennju Diġitali. Bħala parti mill-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, pereżempju, aktar minn EUR 28 biljun f'investimenti ġew iddedikati mill-Istati Membri għall-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, li jipprovdu, fost l-oħrajn, riformi tal-kurrikulu, opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-għalliema u l-ħarrieġa, l-edukaturi u l-forza tax-xogħol. Barra minn hekk, diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-**Fond Soċjali Ewropew Plus**, il-**Programm Ewropa Diġitali**, **Orizzont Ewropa u Erasmus+**, għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet diġitali u l-ħiliet meħtieġa għall-użu tagħhom permezz tal-esperimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-espansjoni ta' programmi innovattivi ta' edukazzjoni u taħriġ kif ukoll taħriġ u programmi ta' edukazzjoni speċjalizzati dwar it-**teknoloġġa diġitali**.

Diversi inizjattivi ewlenin appoġġati mill-Kummissjoni jikkontribwixxu għall-isforz Ewropew bħas-ħubija tal-**Patt il-Ġdid għall-ħiliet** fl-ekosistema diġitali li għandha l-għan li tippermetti t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u li tattira aktar nies lejn l-industrija diġitali. Il-**Pjattaforma għall-ħiliet u l-Impjiegi Diġitali** taġixxi bħala hub ċentrali għall-informazzjoni dwar il-ħiliet diġitali fl-Ewropa. Tospita wkoll il-**Koalizzjonijiet Nazzjonali għall-ħiliet u l-Impjiegi Diġitali**, li huma sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati li qed jieħdu azzjonijiet fil-kuntast nazzjonali. Il-**Ġimħa Ewropea tal-Ikkowdjar u l-Hackathon tal-Edukazzjoni Diġitali** huma inizjattivi fil-livell lokali li għandhom l-għan li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati u jxerrdu, fost l-oħrajn, il-ħsieb komputazzjonali, l-ikkowdjar u l-ħiliet diġitali relatati.

Il-Kummissjoni nediet ukoll sensiela ta' inizjattivi biex tappoġġa lill-Ukrajna fi żminijiet ta' gwerra, bħall-hub New Ukrainian School (l-Iskola Ġdida tal-Ukrajna) (NUS)⁸, li tappoġġa l-Komunità Futurium tal-EUTech4Ukraine⁹, u f'Settembru 2022 iffirmit ftehim biex l-Ukrajna tiġi assoċjata mal-Programm Ewropa Diġitali¹⁰. Dawn l-inizjattivi jikkomplementaw sforzi importanti oħra li għaddejjin fil-qasam tal-ħiliet diġitali bħall-proġett pilota nazzjonali tal-Ġenerazzjoni tal-IT li tnieda reċentement bl-għan li jipprovdi lil 60,000 Ukren b'edukazzjoni tal-IT ta' kwalità għolja u mingħajr ħlas¹¹.

L-Istati Membri nfushom qed imexxu inizjattivi u politiki ta' suċċess biex jiżviluppaw il-ħiliet diġitali u jedukaw liċ-ċittadini biex jirnexxu fl-era diġitali. L-iskambju tal-esperjenzi, l-aħjar Prattiki u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri huwa apprezzat ħafna u mħeġġeġ. Is-settur privat u l-NGOs għandhom ukoll rwol importanti fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-individwi u tan-negozji. Il-kontinwazzjoni tal-proġetti tagħhom, flimkien mal-kooperazzjoni pubblika-privata, hija essenzjali għall-adozzjoni tal-ħiliet diġitali u għall-kisba tal-oġġettivi tad-Deċennju Diġitali.

Minħabba l-ħtieġa li nżidu l-isforzi tagħna biex niżguraw li l-ħiliet meħtieġa jkunu disponibbli biex jippermettu trasformazzjoni diġitali bla xkiel, il-ministri huma mistiedna jiddiskutu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Minħabba l-importanza kruċjali tal-ħiliet bażiċi fi ħdan il-popolazzjoni attiva, x'azzjonijiet addizzjonali ta' titjib tal-ħiliet jistgħu jiġu previsti? Liema miżuri ta' titjib tal-ħiliet jistgħu jkunu partikolarment utli għall-SMEs?
2. Kif nistgħu ningħaqdu flimkien biex nibnu fuq l-aħjar Prattiki/esperjenzi tajbin identifikati fl-Istati Membri u nagħtu spinta lill-għadd ta' **speċjalisti tal-ICT** u l-għadd ta' **speċjalisti tas-settur** li għandhom ħiliet diġitali avvanzati? X'azzjonijiet jistgħu jiġu previsti biex jgħinu lill-ekosistemi industrijali ewlenin u b'mod partikolari lill-SMEs biex jattiraw it-talent diġitali?

⁸ <https://nushub.org/en/>; Il-hub NUS huwa inizjattiva kofinanzjata mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin fil-Finlandja u l-Kummissjoni Ewropea bl-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżorsi edukattivi (inkluż dwar il-ħiliet diġitali) biex jiġu appoġġati r-refuġjati u l-istudenti spostati Ukreni li għadhom fl-Ukrajna.

⁹ <https://futurium.ec.europa.eu/en/digital-compass/eutech4ukraine>; Din il-komunità, immedija fl-Assemblea Diġitali 2022, għandha l-għan li tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati, tħeġġeġ id-diskussjonijiet, u tikkondividi informazzjoni dwar miżuri ġodda biex jiġu appoġġati r-refuġjati, il-kumpanniji u l-gvern tal-Ukrajna fil-qasam diġitali.

¹⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/solidarity-ukraine-digital-europe-programme-open-ukraine-access-calls-funding>

¹¹ <https://www.undp.org/ukraine/press-releases/ministry-digital-transformation-launches-large-scale-project-teach-it-specialities>; il-proġett qed jiġi implimentat bl-appoġġ tal-Programm ta' Ekonomija Kompetittiva tal-USAID u l-Proġett Diġitali, Inklużiv u Aċċessibbli: Appoġġ għad-Diġitalizzazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Ukrajna, li qed jiġi implimentat mill-UNDP fl-Ukrajna b'appoġġ finanzjarju mill-Iżvezja.